# Anna ta' San Bartilmew (1549-1626)

## *Il-Kontemplazzjoni fil-Faqar tal-Ispirtu*

minn P. Glen Attard, O.Carm.

Figura oħra importanti li kibret u ħadmet fid-dell ta' Tereża ta' Ġesù hija Anna ta' San Bartilmew. Hija twieldet fl-1 t'Ottubru 1549. Kienet is-sitt wild minn seba' ta' Hernán García u María Manzanas. Il-familja kampanjola kienet tgħix minn fuq id-dwieli, il-merħliet, u l-qamħ li kienu jkabbru u jbigħu. Anna kellha trobbija devota ħafna, bil-missier iqabbad qassis biex jgħallem lit-tfal jaqraw. Għandna nifhmu li peress li Anna iktar tard serviet bħala s-segretarja personali ta' S. Tereża ta' Ġesù – li għallmitha tikteb meta din ma setgħetx tikteb aktar lejn l-aħħar ta' ħajjitha – gawdiet ukoll minn dan l-istess tagħlim. Fl-*Awtobijografija* tagħha, Anna tistqarr li minn età żgħira kienet miġbuda lejn il-ħajja spiritwali li għaliha kienet tfisser xewqa kbira għall-axxeżi u li tingħata kollha kemm hi għal Alla. Ta' għaxar snin, tilfet l-ewwel lil ommha mbagħad lil missierha, u ħutha s-subien il-kbar tawha taħdem ir-raba' magħhom u tirgħa l-merħla biex ikunu jistgħu jmantnu l-familja. Xtaqu wkoll li jżewġuha ġo familja nobbli kemm jista' jkun malajr, imma hi rreżistiet għal dan, tant li ma damitx ma bdiet turi x-xewqa li tidħol soru, fost daqstant ieħor reżistenzi min-naħa ta' ħutha. Wara ħafna qtigħ il-qalb u ġlied bejn l-aħwa, f'Novembru tal-1570 Anna daħlet fil-monasteru riformat ta' San Ġużepp ġewwa Avila li Tereża ta' Ġesù kienet iffundat tmien snin qabel.

Anna tiddeskrivilna l-ewwel perjodu tagħha fil-komunità Tereżjana bħala snin sbieħ ta' namrar ma' Ġesù, l-Għarus Divin, imma daqstant ieħor ta' prova u malinkonija, speċjalment minħabba marda misterjuża li waslitha f'xifer il-mewt. Mill-1577, wara li fl-24 ta' Diċembru Tereża waqgħet it-taraġ tal-kunvent u kisret idha x-xellugija, Anna saret dejjem iżjed qrib ta' Tereża. Magħha ffundat diversi monasteri (b'kollox ħamsa), Tereża kienet tiftaħ qalbha magħha, u lejn l-aħħar ta' ħajjitha Anna saret ukoll l-infermiera u s-segretarja tagħha. Bil-kitba tagħha, Anna setgħet tkompli r-rakkont tal-fundazzjonijiet li kienet bdiet Tereża. Setgħet ukoll twieġeb lill-ħafna li kienu jikkomunikaw ma' Tereża bl-ittri, setgħet titfa' dawl mill-qrib fuq l-aħħar snin ta' Tereża, u fuq kollox sabet ukoll vuċi tagħha stess li biha dawk ta' madwarha semgħu u rċevew tagħlimha. Anna kienet leali għalkollox għal Tereża u ma kienet tippermetti bl-ebda mod, speċjalment wara mewtha, li tiġi interpretata imma biss obduta sal-aħħar ittra. Minħabba f'hekk, fil-fatt, kellha diversi diżgwidi ma' prijuri u figuri oħrajn li kienu qed ikomplu r-riforma Tereżjana. Fl-1582, kif tistqarr hi stess, Tereża mietet f'idejha u minn hawn 'il quddiem saret waħda mill-iżjed vuċijiet importanti tar-riforma.

Minkejja l-għeruq umli tagħha, Anna ma beżgħetx tpoġġi lilha nnifisha fuq quddiem tar-riforma Tereżjana. Ħafna minn dak li għamlet kienet tibbażah jew fuq l-esperjenza tagħha stess ta' Tereża jew inkella fuq il-viżjonijiet li kienet tgħid li tirċievi mingħandha waqt it-talb. Fil-ħafna kuntrasti ta' opinjonijiet li qamu wara l-mewt ta' Tereża dwar kif għandha tkompli r-riforma Skalza, Anna kienet tal-fehma li tingħata aktar enfasi fuq ir-rigorożità tat-talb u l-għażla tal-konfessuri. F'Ottubru 1604, Anna kienet fost il-ħames sorijiet li ffundaw l-ewwel monasteru Tereżjan fi Franza, f'Pariġi. Kien hawn ukoll li f'Jannar 1605 Anna rċeviet il-velu l-iswed; sadanittant kienet soru "konversa" u xogħolha kien li taqdi l-komunità fil-kċina, fit-tindif, fl-infermerija, eċċ. Dan il-pass kien ifisser li fil-fundazzjoni ta' Pontoise dak ix-xahar stess saret għall-ewwel darba f'ħajjitha prijura tal-komunità. Tmien xhur wara, saret imbagħad prijura ta' Pariġi (1605-08) u mbagħad ta' Tours (1608-11). Flimkien ma' Anna ta' Ġesù, iffundat ukoll monasteri f'Dijon (1605), Amiens (1606), u Antwerp fil-Fjandri fl-1612, fejn kienet ukoll il-prijura sakemm mietet fis-7 ta'

Ġunju 1626. Fi kliem in-Nunzju tal-Fjandri, Anna tibqa' mfakkra bħala dik li "għexet għal ħafna żmien ma' Santa Tereża ta' Ġesù" (Tereża kienet ġiet ikkanonizzata fl-1622) imma fuq kollox bħala waħda li "mietet b'fama ta' qdusija." Sa mill-bidu nett, mela, kien hemm din il-ġibda lejn Anna li kienet minnha nnifisha tispira lil ta' madwarha għall-qdusija u mhux biss għax għexet daqshekk mill-viċin ta' Tereża ta' Ġesù. Fil-fatt, il-Papa Klement XII iddikjaraha Venerabbli fl-1735, filwaqt li l-Papa Benedittu XV iddikjaraha Beata fl-1917.

Bħala prijura, parti minn xogħolha kien li tlaqqa' lill-komunità u teżortahom b'konferenzi u riflessjonijiet spiritwali. L-ewwel darba li għamlet dan kien f'Pontoise. B'xorti tajba għandna f'idejna noti qosra ta' dawn l-ewwel riflessjonijiet tagħha. Hija tisħaq fuq diversi punti li jixhdu l-influss ta' Tereża fuqha, imma fl-istess ħin fihom hemm bla ebda dubju l-vuċi ta' Anna nnifisha. Hija u tikteb, naraw irfinut l-istil ta' djalogu li kien tant għal qalb Tereża, imma fl-istess waqt naraw ukoll espressjonijiet għalkollox partikulari għal Anna. Waħda minn dawn l-espressjonijiet hija "verġinità interjuri" meta darba minnhom lis-sorijiet tenfasizza magħhom li anke jekk, fil-komportament "perfett" tagħhom fil-kunvent u ma' xulxin, isegwu r-Regula sal-aħħar tikka, ma jfissirx li huma perfetti. Il-qdusija vera, tgħidilhom, ma tiġix sempliċement mill-fatt li nsegwu liġi esterjorment, imma mill-valuri interjuri li ngħixu bihom, il-verità, il-ġustizzja, l-onestà, l-imħabba, l-irtirar mill-pjaċir, l-istess kif mhijiex il-verġinità tal-ġisem li tagħmilkom qaddisin, imma l-verġinità jew is-safa interjuri, l-intenzjoni tajba, il-prudenza, u l-attenzjoni (ara *Konf.* 4:1-4). Ma' dan, Anna torbot ukoll il-faqar fl-ispirtu. Il-qalb safja hija dik li tirrikonoxxi lilha nnifisha fil-faqar interjuri tagħha. L-istess, mhuwiex il-faqar mill-ħwejjeġ materjali li jagħmilna fqar, imma d-distakk minna nfusna, li ngħixu biss b'dak li huwa bżonjuż, u x-xewqa ma taqta' xejn għal Alla u l-valuri tiegħu (ara *Konf.* 2:4-5). U tassew, kemm huwa faċli li jkollna kemm ikollna, qatt ma nkunu kuntenti. Fil-ħajja reliġjuża, daqstant ieħor teżisti t-tentazzjoni li nkunu kburin b'kemm m'għandna xejn, b'kemm aħna distakkati mill-pjaċiri tad-dinja. Għal dan, Anna tisħaq mas-sorijiet tagħha biex ikunu onesti u safja u ma jqarrqux bihom infushom (ara *Konf.* 2:1). Bla dubju, hawn niftakru f'kemm Tereża ta' Ġesù tisħaq biex inkunu nafu lilna nfusna kif aħna, fil-verità tagħna, quddiem Alla. Il-frott veru tal-ħajja interjuri tagħna, mela, huwa s-serħan u l-paċi tal-qalb, il-ħelsien, fiduċja sħiħa f'Alla (ara *Konf.* 2:3). Fl-ewwel konferenza, Anna tikteb



hekk, "Ħa nkunu kuntenti fi Kristu u għal Kristu, għax il-Maestà Tiegħu m'għandux bżonn is-servizz tagħna; ejjew ma nagħtuhulux bil-gdim u lanqas bix-xewqa li ningħataw il-premju fi żmien daqshekk qasir daqskemm hi qasira l-ħajja tagħna, hemm l-eternità tistenniena. Ejjew inkunu fidili għal Alla għax hu se jkun magħna u se jpoġġi t-tron tiegħu f'qalbna, fejn hu jistrieħ f'ruħna" (*Konf.* 1:4-5).

Punt ieħor li tqajjem, li jidher li kien tipiku ta' żmienha, huwa l-biża' ta' Alla. Mhuwiex tant li nibżgħu minn Alla li qed titkellem dwaru, imma pjuttost nibżgħu li nitilfu lil Alla. Anna tispjega li dan it-tip ta' biża' (qaddis) jagħmel li l-aġir tagħna jitqaddes għaliex huwa indikattiv li dak li nibżgħu li nitilfu jokkupa f'qalbna post speċjali, mimli mħabba (ara *Konf.* 4:3). Huwa biss dak li jien inħobb verament, u minħabba f'hekk nipproteġih f'kull ċirkustanza – inkun il-ħin kollu attent għalih u nfittex li ma jitħassarx – li jien nibża' li nitilfu. Qajla nista' nibża' minn xi ħaġa li ma tinteressanix, jew li ma nafx, jew li ma nħobbx. Lis-sorijiet ta' Pontoise, u lilna wkoll, Anna tgħidilna hekk, "Li kieku kellna nqattgħu ftit tal-ħin kuljum inġeddu din ix-xewqa qaddisa [għal Alla], kif inhu dmirna, ma naħlux ħafna ħin f'affarjiet oħrajn inutli ... Alla ma jħobbx li nkunu bierda miegħu ... irrid narakom xewqana għal valuri għolja" (*Konf.* 1:7-8).